ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 1 ta' Dicembru, 2025

Talba Nru: CCT105/25/DS

Doris Taliana

Vs

J.J. Scerri Co. Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-5 ta' Gunju, 2025 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tibdel magna tal-ħasil illi hija tirritjeni difettuza ma waħda ġdida li l-prezz tagħha kien ta' tlett mija u tletin Ewro (€330);

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta tardiva mingħajr ma kellha ġustifikazzjoni għall istess u għal din ir-raħuni ħiet meqjusa kontumaċi minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-attriċi preżentat il-pużizzjoni tagħha;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attrici kkonfermat il-punti essenzjali tat-talba tagħha, bl-informazzjoni illi niżżlet fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedet xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tagħha

Illi t-Tribunal ma hax konjizzjoni tar-risposta tardiva tas-soċjeta' intimata stante l-istat ta' kontumaċja.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti : L-attriċi xtrat il-magna tal-ħasil fit-18 ta' Jannar, 2024 liema magna ġiet ikkunsinjata fit-22 ta' Jannar, 2024 u l-ħlas għaliha kien ta' tlett mija u tletin Ewro (€330). L-attriċi rrappurtat ħsara tlett darbiet bl-ewwel darba tkun f'Lulju, 2024, it-tieni darba f'Novembru, 2024 u t-tielet darba f'April, 2025. F'din l-okkazjoni l-attriċi nfurmat lis-soċjeta' intimata illi riedet magna ġdida minħabba l-ħsarat illi kien qiegħed ikollha f'qasir żmien.

L-attriċi tellgħet lil binha Elton Taliana bħala xhud, liema xhud qal illi kien jidher mill ewwel illi din il-magna kienet difettuza mill-problemi li bdew jinqalgħulha. Huwa jgħid illi l-problemi jidhru li kienu kemm il-*bearings* u kemm id-*drum*.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonfermat id-dettalji dwar it-talba tagħha taħt ġurament. Il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti ġraw hekk kif gie konfermat taħt ġurament.

Illi l-prodott għadu taħt garanzija u mill-provi li jinsabu fl-atti m'hemm xejn x'jindika illi l-ħsara hija frott użu ħażin tal-prodott. Stanate illi l-problemi mmanifestaw ruħhom fi żmien sena huwa meqjus illi n-nuqqas ta' konformita' kien jeżisti fil-mument tal-kunsinja skont Artikolu 80 tal-Kap 378.

Illi stante illi t-talba m'hijiex għal riżarċiment iżda għall-bidla tal-prodott ma prodott ġdid dan it-Tribunal jirreferi għall-Artikolu 75 tal-Kap 378 illi jgħid illi l-konsumatur jista' jagħżel bejn tiswija u sostituzzjoni b'ċerti restrizzjonijiet. Stante illi kien hemm rapporti varji fuq l-istess problemi, tenut kont il-valur tal-prodott, u l-fatt illi r-rimedji alternattivi kienu diġa provawhom pero' ppersistew, dan it-Tribunal ser jakkolji t-talba attriċi.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal

jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tissostitwixxi l-magna tal-ħasil b'magna oħra identika jew waħda tal-istess għamla u valur u jekk il-prodott m'għadux fis-suq u mhux possibbli jkun hemm sostituzzjoni ma prodott identiku is-soċjeta' attriċi trid tara illi kemm jista' jkun tikkonsulta mal-attriċi biex tara li hija tkun sudisfatta bis-sostituzzjoni. Dan irid jara illi jsir mill-aktar fis possibbli u mingħajr telf ta' żmien.

L-attriċi minn naħa tagħha trid tirritorna l-magna tal-ħasil illi ngħatat bħala sostituzzjoni għall-magna tagħha sakemm din kienet għat-tiswija jekk għadha għandha.

Stante illi minn naħa waħda nħoloq inkonvenjent lill-attriċi iżda minn naħa l-oġra s-soċjeta' intimata provdid sostituzzjoni tal-prodott li baqa' żmien konsiderevoli għand l-attriċi dan it-Tribunal iħoss illi m'għandux jordna l-ħlas ta' danni morali.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru